MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## SILVIO MELI

Seduta ta' l-4 ta' Gunju, 2003

Avvi$Z Numru. 698/2001/1

**Roderick Galdes, Sindku tal-Kunsill Lokali Qormi**

**vs**

**Dione Borg**

**Il-Qorti,**

**Rat l-avviz fuq indikat datat is-27 ta' Lulju tas-sena 2001 li permezz tieghu l-attur sejjah lill-konvenut quddiem din il-qorti sabiex jghid ghaliex m'ghandux ikun ikkundannat:**

**1. Ihallas lill-attur dik is-somma li tigi likwidata li ma teccedix il-hamest elef lira (LM5,000.00,0) prevja d-dikjarazzjoni li l-artikolu tal-konvenut intitolat "Is-Sindku Laburista ta' Hal-Qormi**

**jiftahar b'xoghol li m'ghamilx hu" ippubblikat fil-harga ta' "In-Nazzjon" tat-13 ta' Gunju tas-sena 2001 ta malafama lill-attur billi attribwilu fatti determinati bi skop li joffendu l-unur u l-fama tieghu u jesponuh ghar-redikolu u disprezz tal-pubbliku; (Dok A u Dok B)**

**2. Bl-ispejjez u bl-imghax legali kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni;**

**Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet datata l-25 t'Ottubru tas-sena 2001 li permezz taghha eccepixxa s-segwenti:**

**Illi l-pubblikazzjoni in kwistjoni mhix libelluza billi tammonta ghall-"fair comment" dwar fatti sostanzjalment korretti;**

**Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet ulterjuri datata s-27 ta' Frar tas-sena 2003 li permezz taghha l-konvenut eccepixxa ulterjorment is-segwenti:**

**Il-privilegg ta' immunita' minn proceduri legali taht l-Art. 21 tal-Att XV tal-1993 (Att Dwar Kunsilli Lokali);**

**Rat id-decizjoni taghha datata t-22 t'April tas-sena 2003 li permezz taghha ghar-ragunijiet hemm indikati irrespingiet l-eccezzjoni ulterjuri tal-konvenut u ordnat il-prosegwiment tal-kawza;**

**Semghet ix-xhieda prodotta;**

**Rat id-dokumenti esebiti;**

**Semghet it-trattazzjoni orali finali tar-rapprezentanti legali tal-partijiet;**

**Ikkunsidrat:**

**Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:**

**1. Illi l-attur hassu ingurjat u malafamat b'artikolu li deher fil-harga tat-13 ta' Gunju tas-sena 2001 tal-gazetta "In-Nazzjon" intitolat "Is-Sindku Laburista ta' Hal-Qormi jiftahar b'xoghol li m'ghamilx hu";**

**2. Illi sintetikament l-attur hassu urtat bis-segwenti:**

**a. Illi t-tieni kunsill lokali ta' Hal-Qormi li fil-perjodu in dizamina kien immexxi mis-Sindku Clyde Puli, kien hareg bl-idea, iddiskuta u ddecieda li jwaqqaf monument fil-lokalita' iddedikat lill-Gran Mastru Manoel Pinto;**

**b. Illi jidher li kien hemm xi dizgwid bejn il-fazzjonijiet politici rapprezentati fil-Kunsill u dan rigwardanti l-ammont ta' flus li kellu jigi allokat ghall-istess monument;**

**c. Illi d-dizgwid kien iffoka fuq il-pedistall li kellu jigi mibni biex titpogga fuqu l-istatwa tal-granmastru stante li l-fazzjoni maggoritarja ipproponiet li dan kellu jkun ta' l-irham, filwaqt li xi rapprezentanti ohra, principalment l-attur Galdes deher li pprefera pedistall tal-gebel;**

**d. Illi l-awtur ta' l-artikolu in dizamina jsostni fl-artikolu tieghu li kien hemm *"…ghidtu persistenti…"* li l-attur, li wara l-kapovolgiment ta' l-assi politika tal-kunsill issa jokkupa l-kariga ta' Sindku tal-lokal, *"…ried jaqfel il-monument ta' Pinto f'mahzen u jhallieh hemm…"*;**

***e.*** **Illi l-istess artikolu jirrapporta li l-*attur “…jghajjar ...”* lill-predecessur tieghu li kien gej allura mill-kamp politiku oppost, li *“…ghamel irhama b’ismu ma’ progetti li wettqet maggoranza mmexxija minnu fosthom it-Tribuna ta’ Pinto…”;***

**f. Illi l-attur hassu aggravat ukoll bl-affermazzjoni fl-artikolu li l-artikolist pingieh li *“…qed jiftahar b’dak li ghamel haddiehor…”* ghaliex gie rapportat li qal li qed jaghmel xi xogholijiet indikati fl-istess artikolu meta dawn kienu gew konkluzi mill-kunsill precedenti;**

***g.*** **Illi l-attur hassu urtat ukoll bl-affermazzjoni ta’ l-artikolist li jghid li l-attur *“…ghamel il-progett qisu tieghu u wahhal irhama b’ismu mal-monument…”;***

***h.*** **Illi l-artikolist ikkonkluda li saret xi mozzjoni fil-kunsill de quo fejn kien propost li l-attur *“…jitlob skuza lill-poplu Qormi ta’ dan il-process ta’ ingann …jibdel l-irhama li ggib ismu mal-monument ta’ Pinto… u s-Sindu l-gdid imidd ghonqu ghax-xoghol;”***

**Ikkunsidrat:**

**Illi d-dritt ghall-liberta’ ta’ l-espressjoni kif sancit fl-artikolu 10 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem:**

***“…shall include freedom to hold opinions and to receive and impart information and ideas”;***

**Illi kif irriteniet il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fil-kawza Handyside vs Ir-Renju Unit (1976), il-liberta’ ta’ l-espressjoni f’socjeta’ demokratika:**

***"…constitutes one of the essential foundations of such a society, one of the basic conditions for its progress and for the development of every man…It is applicable not only to "information" or "ideas" that are favourably received or regarded as inoffesnive or as a matter of indifference, but also to those that offend, shock or disturb the State or any sector of the population. Such are the demands of that pluralism, tolerance and broadmindedness without which there is no democratic society";***

**Illi ghandu sintetikament jinghad li l-protezzjoni li l-gurisprudenza ta' l-insinji qorti fuq riferita talloka lill-persuni involuti fil-forum politiku hi ferm aktar ristretta minn dik moghtija lill-persuni ohra li ma humiex suxxettibbli daqshekk ghall-iskrutinju pubbliku;**

**Illi fil-kawza ta' l-istess qorti Ewropea fuq indikata fl-ismijiet Lingens vs Austria (1986) gie ritenut li:**

***"Freedom of the press… affords the public one of the best means of discovering and forming an opinion of the ideas and attitudes of political leaders. More generally, freedom of political debate is at the very core of the concept of a democratic society which prevails throughout the Convention.***

***The limits of acceptable criticism are accordingly wider as regards a politician as such than as regards a private individual. Unlike the latter, the former inevitably and knowingly lays himself open to close scrutiny of his every ward and deed by both journalists and public at large… Article 10 paragraph 2 enables the reputation of others… to be protected, and this protection extends to polititions too… but in such cases the reqiurements of such protection have to be wieghed in relation to the interests of open discussion of political issues";***

**Ikkunsidrat:**

**Illi tenut kont tas-suespost, l-iskrutinju pubbliku ta' l-azzjoni ta' min hu involut fil-politika huwa l-piz li l-politici huma kostretti li jerfghu minhabba n-natura ta' l-istess involviment;**

**Illi sakemm dan l-iskrutinju jkun fattwali u oggettiv, imnezza minn kwalunkwe insinwazzjoni malima li ma tistax ghalhekk tigi ippruvata, allura tali skrutinju jimmerita l-avall ta' din il-qorti ghalkemm fic-cirkostanzi jista' jidher prima facie kemm xejn valenuz;**

**Illi r-rimedju indikat anke mill-istess ligi ta' l-Istampa m'hux dak tar-rimedju pekunarju kwazi-kriminali izda l-forum politiku pubbliku li l-istess ligi msemmija tindika fl-artikolu 21;**

**Illi jekk ghall-grazzja tal-argument kellu jkun altrimenti l-agir restrittiv tal-qorti jkun jammonta ghall-:**

***"…a kind of censure, which would be likely to discourage him ("gurnalist") from making criticisms… in the future… In the context of political debate such a sentence would be likely to deter journalists from contributing to public discussion of issues effecting the life of the community. By the same token, a sanction such as this is liable to hamper the press in performing its task as purveyor of information and public watchdog";***

**Ikkunsidrat:**

**Illi in sintesi l-artikolu inkriminat jiffoka legittimament fuq attitudni li s-sindku prezenti ta' Hal-Qormi jidher li applika fil-kaz in dizamina;**

**Illi ghalkemm it-ton adoperat hu effettivament belligeranti, il-persuna indirizzata mhux biss hu personagg pubbliku izda hu personagg ukoll li jippartecipa attivament fil-hajja pubblika tal-pajjiz bhala politiku;**

**Illi ghalhekk il-focus atitudinali tieghu hu wiehed li l-pubbliku, specjalment dak ta' Hal-Qormi, legittimament jirrikjedi li jkun infurmat b'mod effettiv u effikaci;**

**Illi ghalhekk, ir-rimedju indikat mhux dak tas-sarima indikat mill-artiklu 28 tal-Kap 248 izda l-iskrutinju pubbliku billi jirribatti pubblikament jekk ikun il-kaz, l-allegazzjonijiet ta' l-artikolist;**

**Ghaldaqstant, in vista tal-premess din il-qorti filwaqt li takkolji l-eccezzjoni tal-konvenut, tichad it-talbiet attrici bl-ispejjez, tiehu wkoll l-opportunita' biex tissollecita l-moderazzjoni, il-prudenza u l-abbandun tat-ton gurnalistiku aggressiv fil-qasam kollu tax-xandir lokali stante li s-sitwazzjoni ma tistax tibqa' tigi esasperata aktar minghajr ma tkun ta' sfregju serju u irrimedjabbli ghall-principji insindakabbli sanciti f'socjeta' civili u demokratika.**

---------------------------------TMIEM---------------------------------